MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 963/2006

**D.M. Holdings Limited (C8404)**

**vs**

**Dr. Tonio Fenech, Dr. Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju specjali ta' l-assenti Steve Orton u Tonio Zarb f'ismu proprio kif ukoll in rapprezentanza tad-ditta KPMG**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' D.M. Holdings Limited li, permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, l-Qorti ntalbet illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati naqsu milli jindikaw il-valur kumplessiv tal-*lot* mizmum minn Unitrade Limited;

2. Tordna lill-intimati

   i) Jindikaw lis-socjetà rikorrenti il-valur kumplessiv tal-*lot* mizmum minn Unitrade Limited, u
   ii) Jiffissaw zmien ragonevoli illi fih is-socjetà rikorrenti tkun tista' tixtri l-*lot* ta' Unitrade Ltd, f'kaz illi tiddeciedi illi trid tutilizza d-dritt moghti lilha ai termini ta' klawzola 18 tal-Ftehim,

u dan fi zmien ragonevoli hekk kif iffissat minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati nkluzi dawk tal-protest gudizzjarju datat id-19 ta' Settembru 2006, kontra l-istess intimati jew minn minnhom li huma minn issa ngunti sabiex jihru ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Dr. Tonio Fenech.

Rat ir-risposta ta' Tonio Zarb.

Rat ir-risposta ta' Dr. Louis Cassar Pullicino.

Rat is-sentenza taghha tas-27 ta’ Gunju 2007, li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ Gunju 2007 li permezz tieghu giet milqugha t-talba ta’ Jovan Mizzi, Gabrielle Mizzi u Unitrade Limited biex jigu ammessi jintervjenu fil-kawza *in statu et terminus*.

Rat in-nota tal-kumpanija attrici D.M. Holdings Limited illi permezz taghha:

1. Rigward it-talbiet taghha fil-mertu ossija it-talbiet enumerati (1) u (2) (i) u (ii), hija qieghda iccedi t-talbiet taghha fil-mertu minghajr ebda kundizzjoni; u

2. Rigward il-kap ta’ l-ispejjez, hija qieghda iccedi wkoll dik it-talba purchè l-partijiet l-ohra kollha jaqblu ghall-kundizzjoni illi l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet fis-sens illi kull parti tbati l-ispejjez taghha.

Rat id-dokumenti.

Rat l-atti.

Semghet lid-difensuri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-proceduri 962/2006 moghtija fl-24 ta’ Gunju 2011.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjez.

Ikkunsidrat illi l-Art. 907 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

*"(1) Ir-rinunzja ġġib l-istess effetti tad-deżerzjoni.*

*(2) Il-parti li tirrinunzja għall-atti għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża u hija ma tistax tibda kawża oħra għall-istess ħaġa, qabel ma tkun fil-fatt ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra."*

Dan il-provvediment huwa car ghal dak li jirrigwarda spejjez tal-kawza relatata mal-konvenuti. Ghar-rigward tal-ispejjez tal-intervenjenti, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza Borg vs Muscat (28 ta' Ottubru 1960) li rriteniet:

*"L-istess gurisprudenza stabbiliet ir-regola generali illi l-intervenjent "in statu et terminis" isofri l-ispejjez tieghu, ammenokkè, ghar-ragunijiet partikulari tal-kaz, il-Qorti ma jkunx jidhrilha xieraq tiddipartixxi minn dik ir-regola ("Prof Cortis vs Edgar Staines", Vol. XXIX-II 1118, u d-decizjonijiet hemm riferiti). Hekk, fil-kawza "Catania vs. Cannataci", 28 Aprile 1893, Kollez. XIII, p.477, il-Qorti tal-Appell tal-Maestà Taghha r-Regina rribadet l-istess regola, li ghandha tapplika sakemm "la Corte non abbia giusto motivo di pronunziare diversamente"; u zammet lill-intervenjenti "in statu et terminis" responsabbli ta' parti mill-ispejjez, in kwantu huma "non seguirono sempliemente la causa come veniva condotta dalle parti;*

> *essi l'assunsero interamente come causa loro, chiamarono testimoni per provare fatti non chiamati da altri e diedero così essi stessi, colla loro opposizione alla domanda dell'attore, occasione alle spese incorse nel giudizio."*

Fil-kaz odjern il-Qorti jidhrilha xieraq li s-socjetà attrici thallas ukoll l-ispejjez tal-intervenuti fil-kawza u dan partikolarment in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-proceduri 962/06 u d-decizjoni fl-Arbitragg 823/2006.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet ta' D.M. Holdings Limited tordna li l-ispejjez tal-kawza inkluzi tal-intervenuti fil-kawza jithallsu kollha minn D.M. Holdings Limited.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------